MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 288/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

**vs**

**Abdirashid Hamud Nadif**
**Mahad Abdi Adam**
**Omar Mohammed Adam**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Abdirashid Hamud Nadif ta’ 23 sena, iben Hamud Nadif u Safia xebba Mohammed, imwieled Mogadishu gewwa s-Somalja nhar l-1 ta’ Jannar 1987 u residenti gewwa Tent Centre, Hal-Far, Limiti taz-Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ Maltija numru 0044005(A) u l-imputat Mahad Abdi Adam ta’ 21 sena, imwieled Mogadishu gewwa s-Somalja nhar l-1 ta’ Jannar 1989 u residenti gewwa ‘Rosedale’ Crt, Fl4, Triq l-Isqof F.S.

Caruana, Msida u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 51290(A) u l-imputat Omar Mohammed Adam ta' 22 sena, iben Mohamad u Fatima nee' Omar, imwieled Mogadishu gewwa s-Somalja nhar l-1 ta' Jannar 1988, residenti gewwa Nru 96, Triq Sir Charles Cameron, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 49890(A) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Abdirashid Hamud Nadif u Mahad Abdi Adam wahidhom talli fil-25 ta' Settembru 2010 f'dawn il-Gzejjer;

a) Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (Rezina tal-Cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

b) Bieghu jew xort'ohra traffikaw ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metro mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zaghzagh skond l-artiklu 22 (2 b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Omar Mohammed Adam wahdu talli f' dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta' Settembru 2010 u fix-xahrejn ta' qabel:

d) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a)tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali esebit a fol. 3 sa 5 tal-process u datat 26 ta' Settembru 2010 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta) ordna li l-imputati Abdirashid Hamud Nadif, Mahad Abdi Adam u Omar Mohamed Adam jitresqu quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-27 ta' Settembru, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jerghu lura minnha.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena ;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll kkunsidrat l-kwantita' minima tad-droga involuta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 22(2)(b) u 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 28A sa 28H tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Abdirashid Hamud Nadif hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija u tordna inoltre li l-piena ta’ sentejn(2) prigunerija sospizi ghal erba’(4) snin li gie kkundannat l-imputat permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta u datata 27 ta’ April 2010 jidhlu fis-sehh b’effett millum sabiex b’hekk l-imputat Abdirashid Hamud Nadif jiskonta piena karcerarja kumplessiva ta’ tlett(3) snin.

Wara li rat l-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 22(2) (b) u 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Mahad Abdi Adam hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 8(a) u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Omar Mohammed Adam hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga mmarkata bhala Dok DT1 u DT2, liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------